## DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI KORPORATTIVI

Id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (DSK) jipprovdi s-sapport neċessajru lis-Segretarju Permanenti u lil sezzjonijiet oħra fi ħdan il-Ministeru marbuta ma' affarijiet li jirrelataw ma' finanzi, amministrazzjoni u riżorsi umani.

### Finanzi

Id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi kien involut fl-eżerċizzju tar-Reviżjoni tal-Infiq Komprensiv ikkoordinat mill-Ministeru għall-Finanzi (MFIN) u wkoll abbozza l-Pjan Finanzjarju tal-Ministeru għall-2016 li kien sottomess lill-Uffiċċju tal-Baġit u sussegwentement ġie ppubblikat fl-Istimi Annwali tal-Baġit fl-2016.

Id-Direttorat jipprovdi wkoll l-għajnuna neċessarja fir-rigward ta' oqsma finanzjarji u amministrattivi li jikkonċernaw ir-Rappreżentanza ta' Malta fi Brussell.

### Amministrazzjoni

Ir-restawr u xogħlijiet fil-Berġa ta' Aragon komplew kif skedati matul l-2015.

Matul l-2015, id-*Departmental Contracts Committee* ltaqa' għal ħmistax-il darba. Waqt dawn is-seduti, numru ta' kjarifiki għal *tenders* ġew approvati, rapporti ta' *tenders* kienu evalwati u rakkomandazzjonijiet kienu maħruġa mill-Kumitat.

### Riżorsi Umani

Is-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani provdiet għajnuna kontinwa lill-kapijiet u l-ħaddiema fi ħdan il-MEAIM f'konformità mar-regolamenti relevanti, proċeduri u leġiżlazzjoni relatata mar-riżorsi umani. Din is-sezzjoni tipprovdi wkoll s-sapport neċessarju lill-Rappreżentanza ta' Malta fi Brussell.

Numru ta' sejħiet kienu maħruġa fl-2015 sabiex jindirizzaw l-bżonnijiet u t-talbiet li kien hemm fi ħdan il-Ministeru inkluż dawk relatati mal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew fl-2017. Dawn jinkludu sejħiet għall-pożizzjonijiet ta' *EU Policy Officers, Research Analysts* u *Senior Manager (EU Funds).*

### Safar ta' uffiċjali pubbliċi

Id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi kompla jikkoordina l-arranġamenti tas-safar tal-Ministeru u Dipartimenti oħra matul l-2015.

## IS-SEGRETARJAT GĦAL-UNJONI EWROPEA

Hija ir-responsabbiltà tas-Segretarjat għall-Unjoni Ewropea li jiżgura li kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa dwar kull kwistjoni relatata mal-Unjoni Ewropea (UE) tiġi meħuda b'mod tajjeb u fil-ħin. Dan filwaqt li jiġi żgurat li jkunu rċevuti l-istruzzjonijiet xierqa mir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-UE fi Brussell, kif ukoll mill-Ministri u l-uffiċjali li jipparteċipaw fil-Kunsilli, Kumitati, *Working Parties* u *Working Groups* tal-UE.

Fl-2015, is-Segretarjat għall-UE kompla jassisti lill-*Presidency Unit* fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Presidenza tal-UE 2017 u l-Fondi tal-UE, fil-preparazzjonijiet għal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew bejn Jannar u Ġunju 2017. F'dan r-rigward, is-Segretarjat jorganizza Kumitat Inter-Ministerjali għall-Presidenza fuq bażi mensili.

**Kumitat Inter-Ministerjali għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea**

Fl-2015, is-Segretarjat għall-UE organizza u mexxa kull xahar l-laqgħat tal-Kumitat Inter-Ministerjali għall-Affarijiet tal-UE sabiex jiddiskuti l-faxxikli tal-Kummissjoni, kemm dawk leġiżlattivi kif ukoll dawk mhux leġiżlattivi.

**Kwistjonijiet fuq pussess ta' faxxikli**

Is-Segretarjat għall-UE kompla jwettaq rwol li jsolvi l-problemi fuq kwistonijiet li jikkonċernaw dipartimenti differenti.

**Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-UE**

Is-Segretarjat għall-UE kompla jiżgura l-parteċipazzjoni effettiva fil-partijiet kollha ta' prijorità tal-*Working Parties* u *Working Groups* tal-Kummissjoni.

Is-Segretarjat kompla ukoll jmexxi l-laqgħat ta' informazzjoni għall-Ministri kollha li jipparteċipaw fil-varji Kunsill tal-laqgħat tal-Ministri. Dawn il-laqgħat isiru qabel kull Kunsill biex b'hekk tiġi żgurata tħejjija f'waqtha mill-Ministeri fuq is-suġġetti inklużi fuq l-aġenda. L-esperti mbagħad jinfurmaw direttament lill-Ministri dwar is-suġġetti varji li jkunu ser jiġu diskussi fil-fora tal-UE.

Is-Segretarjat għall-UE kien involut wkoll fil-preparazzjoni ta' materjal ta' tagħrif għall-Kunsill Ewropew li fih il-Prim Ministru jipparteċipa, kif ukoll għal-laqgħat internazzjonali tal-UE li fihom il-Viċi Prim Ministru u/jew is-Segretarju Parlamentari tal-Presidenza tal-UE 2017 u l-Fondi tal-UE jieħdu sehem. Is-Segretarjat kien ukoll involut mill-qrib fiż-żjarat tal-Kummissarji tal-UE f'Malta matul l-2015.

**Il-Faxxikli**

Is-Segretarjat għall-UE kkoordina t-tfassil ta' dokumenti interni u d-dokumenti ta' pożizzjonijiet konsolidati meħtieġa għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali kif ukoll dak tal-UE dwar oqsma ta' politika diversi, b'enfasi partikolari mqiegħda fuq dawn li ġej:

- L-Aġenda dwar l-imigrazzjoni u l-pakketti leġiżlattivi sussegwenti inklużi dawk li jikkonċernaw ir-rilokazzjoni, il-pajjiżi ta' oriġini siguri u l-proposti dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta.
- Kwistjonijiet li jikkonċernaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja inkluż ir-rapport tal-Erba' Presidenti u l-pakkett ta' proposti maħruġa mill-Kummissjoni;
- Kwistjonijiet istituzzjonali, specjalment l-Programmazzjoni Annwali u Multiannwali fir-rigward tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni, il-Ftehim Interistituzzjonali dwar Leġislazzjoni Aħjar u r-Riforma Elettorali;
- Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tassazzjoni Korporattiva;
- L-Unjoni Bankarja, inkluża l-Iskema Ewropea tad-Depożitu tal-Assigurazzjoni;
- Proposti fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali;
- Pjan ta' Investiment, jiġifieri l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi
- Il-Faxxiklu dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;
- Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja;
- Kwistjonijiet dwar Baġit tal-UE inklużi l-Politika ta' Koeżjoni kif ukoll diskussjonijiet dwar in-naħa tad-dħul;
- Kwistjonijiet kummerċjali, inkluż il-Kummerċ Transatlantiku u Sħubija fl-Investiment, ir-relazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran u ċ-Ċina;
- Kwistjonijiet ta' difiża partikolarment f'termini tal-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew Diċembru 2013;

- Semestru Ewropew u l-analiżi tal-Istrateġija Ewropa 2020 f'nofs it-terminu, inklużi diskussjonijiet dwar il-miri nazzjonali u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż kif ukoll tħejjijiet għal-laqgħat bilaterali mal-Kummissjoni u s-segwitu meħtieġ;
- Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Konvenzjoni dwar Manipulazzjoni tal-Kompetizzjonijiet tal-Isport;
- Il-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet fuq is-Suq Uniku Diġitali, li jinkludi il-koordinazjoni tal-pożizzjoni tal-Gvern Malti dwar il-konsultazzjoni pubblika li minnha joħorġu n-negozjati fuq il-proposti leġiżlattivi
- Il-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet dwar l-Istrateġija tas-Suq Wieħed għal prodotti u servizzi, inkluż il-koordinazzjoni u s-sottomissjoni tal-pożizzjonijiet tal-Gvern Malti fuq il-konsultazzjonijiet pubbliċi u negozjar tal-proposti leġiżlattivi li joħorġu minnha;
- Il-Proposta għal Direttiva li tissimplifika t-Trasferiment ta' Reġistrazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur;
- Ħdimna iktar fuq il-fajl PRIMA;
- Kwistjonijiet ta' Kompetittività, inkluża l-Liġi tal-Kumpaniji, l-Unjoni tad-Dwana, l-Armonizzazzjoni Teknika, Kompetittività u Tkabbir, l-Ispazju, Suq Intern, *Copyright* (inkluża Proprjetà Intellettwali u *Trademarks*), Servizzi, il-Kwalifiki Professjonali u t-Turiżmu;
- Fir-rigward ta' proposti ambjentali, insibu b'mod partikolari l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità, id-Direttiva Nazzjonali tal-Limitu ta' Emissjonijiet, l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli sa 2030 u t-Tħaddim tat-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, il-Qafas tal-Klima u l-Enerġija għal 2030, li ġie miftiehem fil-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 jinstab għaddej. Element kruċjali fi ħdan il-qafas hija r-riforma fl-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Emissjonijiet.
- Insibu ukoll il-koordinazzjoni tat-tħejjijiet għal-21 Sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP21), f'Pariġi bejn it-30 ta' Novembru u t-12 ta' Diċembru 2015.
- Impjiegi, Affarijiet Soċjali, Politika tal-Konsumatur u l-Faxxikli tas-Saħħa b'mod partikolari l-proposta fir-rigward tad-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni; id-drittijiet legali dwar ix-xogħol tal-baħħara; ix-xogħol mhux iddikjarat; id-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja; n-nisa fil-bordijiet; l-impjieg taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol; l-apparat mediku dijanjostiku *in vitro*; it-tilqim bħala għodda effettiva fis-saħħa pubblika; is-sigurtà tal-pazjenti; il-kwalità tal-kura u l-innovazzjoni għall-benefiċċju tal-pazjenti;
- Proposti relatati mal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, il-promozzjoni tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel u fit-tfulija bikrija, it-tiġdid fuq il-qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ 2010-2018, it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskejjel u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola, kif ukoll l-kwistjonijiet relatati kontra d-*Doping*;
- Kwistjonijiet relatati mal-Enerġija speċjalment fuq il-pakkett dwar l-Unjoni tal-Enerġija,
- Kwistjonijiet fis-settur tat-trasport tal-avjazzjoni;
- Kwistjonijiet relatati mas-simplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni, l-adozzjoni ta' miżuri ta' sostenn għas-Suq, l-effetti tal-projbizzjoni ta' importazzjoni tar-Russja fuq prodotti agrikoli, in-negozjati kummerċjali tal-ġejjini ma' pajjżi terzi kompettitivi fl-agrikoltura u tan-negozjati dwar it-Trattat Transatlantiku għall-Kummerċ u l-Investiment; iktar żvilupp ta' diskussjonijiet fuq il-Proposti relatati mal-Iskemi tal-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel, dwar il-produzzjoni ta' biedja organika u l-ittikkettar ta' prodotti organiċi; fuq l-użu minuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti; prodotti mediċinali veterinarji u l-għalf medikat, iż-żooteknika u s-saħħa tal-annimali.
- Kwistjonijiet tas-Sajd relatati mal-obbligu tal-iżbark; mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2016, għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni; mal-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2016-2018; mal-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd (riformulazzjoni); ma' pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

**Monitoraġġ fuq il-Parlament tal-UE**

Fl-2015 twaqqfet *unit* ġdida fis-Segretarjat tal-UE biex issegwi speċifikament u taħdem mill-qrib fuq kwalunkwe kwistjoni li tappartjeni lill-Parlament Ewropew. L-uffiċċju Parlament Ewropew jissorvelja wkoll kwistjonijiet konkorrenti sabiex jiġu identifikati l-kwistjonijiet li jiġu diskussi fi ħdan il-Parlament Ewropew, u li jista' jkollhom xi impatt dirett/indirett fuq il-Gvern Malti. Dan l-uffiċċju jiżgura wkoll li l-Membri Maltin tal-Parlament Ewropew jiġu informati b'mod f'waqtu u effettiv dwar il-pożizzjonijiet tal-Gvern fuq kwistjonijiet varji li qed jiġu diskussi fil-fora Parlamentari Ewropea.

Dan l-uffiċċju jwettaq il-funzjonijiet tiegħu billi jikkollabora mill-qrib ma' COREPERII, COREPER I, l-uffiċċju tar-relazzjonijiet esterni, l-uffiċċju legali skond is-Segretarjat għal-UE, l-uffiċċju Parlament Ewropew fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-UE fi Brussell kif ukoll, il-Ministeri rIspettivi kif meħtieġ.

**Monitoraġġ tat-Traspożizzjoni u l-Implimentazzjoni tal-*Acquis***

Is-Segretarjat għall-UE kompla jwettaq ir-rwol tiegħu ta' sorveljanza tat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE billi jiżgura l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni mill-Ministeri. F'termini tal-*IscoreBoard* tas-Suq Uniku ta' Mejju 2015, li ġie ppubblikat mill-Kummissjoni nhar is-6 ta' Ottubru 2015, is-Segretarjat għall-UE żgura li Malta kellha d-defiċit tat-traspożizzjoni aktar baxx.

Is-Segretarjat għall-UE permezz tal-Uffiċċju Legali tiegħu jiżgura li l-kwistjonijiet tal-implimentazzjoni, inklużi l-obbligi ta' rappurtar f'termini tal-*acquis* tal-UE huma ttrattati fil-ħin. Dan isir permezz tal-*EU Pilot database* tal-Kummissjoni kif ukoll permezz tal-proċeduri ta' ksur aktar formali bil-għan li l-EU Pilots u t-Tqegħid fil-Mora jinżammu kemm jista' jkun minimu. Matul l-2015, il-koordinazzjoni mis-Segretarjat għalll-UE dwar it-Tqegħid fil-Mora wassal għal tnaqqis fin-numru ta' każijiet miftuħa kontra Malta.

## Id-Diviżjoni għall-Fondi u l-Programmi (FPD)

Id-Diviżjoni għall-Fondi u l-Programmi hija fdata bil-ġestjoni ta' fondi tal-Unjoni Ewropea (UE) u fondi oħra (bl-eċċezzjoni ta' Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni) allokati lil Malta u tipprovdi gwida lid-diversi *contact points* ta' Programmi oħra tal-UE li huma ġestiti direttament mill-Kummissjoni u/jew istituzzjonijiet oħra/aġenziji.

Id-Diviżjoni għall-Fondi u l-Programmi tinkludi tliet Direttorati, jiġifieri d-Direttorat (Programmi u Proġetti), id-Direttorat (Programm ta' Żvilupp Rurali) u d-Direttorat (Fondi). Id-Direttorat (Programmi u Proġetti) huwa responsabbli għall-Programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, għall-fondi bilaterali u oħrajn tal-UE u kif ukoll toffri koordinazzjoni tal-*contact points* tad-diversi programmi tal-UE u l-fondi oħra. Id-Direttur (Fondi) huwa responsabbli għall-Fondi taħt il-Programm Ġenerali għal Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji u s-suċċessuri tagħhom jiġifieri l-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Fond għall-Ażil Integrazzjoni u Migrazzjoni, il-Fondi Ewropej għas-Sajd u l-suċċessur tiegħu l-Fond tas-Sajd Ewropew Marittimu u jaġixxi bħala l-Awtorità Nazzjonali għall-Programmi Edukattivi tal-UE. Filwaqt li Direttorat tal-Programmi tal-Iżvilupp Rurali hu responsabbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Id-Diviżjoni Fondi u Programmi taġixxi bħala:

- Awtorità Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Kooperazzjoni Territorjali 2007-13 (IT-MT, MED, INTERREG IVC, ENPI CBC MED, INTERACT II); Awtorità Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Kooperazzjoni Territorjali 2014 -2020 (IT-MT, INTERREG MED, INTERREG EWROPA, ENI CBC MED, INTERACT III);
- Punt Fokali Nazzjonali għall-Programm taż-ŻEE u l-Mekkaniżmi Finanzjarji Norveġiżi;

- L-Awtorità Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Programm ta' Kooperazzjoni Żvizzera-Malta;
- Punt Nazzjonali ta' Kuntatt għall-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni UE u l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE;
- Punt Nazzjonali ta' Kuntatt għall-Programm ta' Ġemellaġġ tal-UE u t-TAIEX;
- Koordinazzjoni u l-gwida tal-*contact points* tal-varji programmi diretti tal-UE u l-Fondi u Programmi oħra mwettqa minn diversi Dipartimenti u strutturi tal-gvern;
- Awtorità Responsabbli għall-erba' Fondi taħt il-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji, jiġifieri l-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn, il-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi u s-suċċessuri tagħhom, jiġifieri l-Fond għall-Integrazzjoni l-Ażil u Migrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna;
- Awtorità Nazzjonali għall-Programm ta' Edukazzjoni tal-UE, jiġifieri l-Programm Erasmus+;

## Ħarsa ġenerali tal-attivitajiet tad-Diviżjoni matul is-sena 2015

### L-Awtorita Responsabbli għall-Programm Ġenerali għas-Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji

Fl-2015, l-FPD għalqet il-Programmi Annwali tas-sena 2012 għall-erba' fondi li għalihom ġiet miksuba l-kontribuzzjoni tal-UE ta' €2,746,472.72, u ammont addizzjonali ta' €14,931,532.99 ġie ċċertifikat taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni, iżda fl-aħħar tas-sena 2015 dan il-programm kien għadu ma giex magħluq peress li kien għad jonqos proċeduri oħra mill-Kummissjoni Ewropea. Matul l-2015 kompliet ukoll l-implimentazzjoni kontinwa tal-34 proġetti mressqa taħt il-Programmi Annwali 2013 liema perjodu ta' implimentazzjoni għalaq fil-30 ta' Ġunju 2015. Matul l-aħħar ġimgħat tal-2015 l-FPD kienet qiegħda tipproċessa l-aħħar pagamenti fir-rigward ta' dawn il-proġetti sabiex tkun tista' tressaq ir-rapport finali tal-għeluq dwar l-erba' Fondi f'Marzu 2016.

L-Awtorità Responsabli fl-FPD iffinalizzat ukoll id-diskussjonijiet li saru mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-perjodu ta' programmar 2014-2020. Il-Programm għall-Ażil, Migrazzjoni u Fond ta' Integrazzjoni ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea fid-19 Marzu 2015 filwaqt li l-Fond għas-Sigurtà Interna kien approvat fid-29 ta' Lulju 2015. Wara l-approvazzjoni msemmija l-Awtorità Responsabbli bdiet il-proċess meħtieġ sabiex tinkiseb opinjoni mhux kwalifikata mill-Awtorità ta' verifika fuq id-diversi proċeduri u s-sistemi mfassla għall-programmi 2014-2020. Din l-opinjoni kienet magħrufa fit-30 t'Ottubru 2015 u skond ir-rakkomandazzjoni tal-Awdituri ġie kkonfermat li l-Awtorità Responsabbli għandha sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġ hekk kif stabbiliti fil-liġi. L-approvazzjoni formali Ministerjali ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2015. Sadanittant, iż-żewġ Programmi ġew imnedija f'Novembru 2015, l-ewwel wieħed il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li t-tnedija tiegħu saret fit-2 ta' Novembru 2015 segwita mill-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u t-tnedija tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet li jimmiraw tliet objettivi nazzjonali differenti. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għalqet fis-27 Novembru, 2015 u ntlaqgħu tnax-il applikazzjoni. It-tnedija tal-Fond tas-Sigurtà Interna saret fis-16 ta' Novembru 2015 segwita mill-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ u t-tnedija tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għalqet fil-11 Diċembru, 2015 u li għalihom ġew riċevuti tmien applikazzjonijiet li jkopru erba' għanijiet nazzjonali differenti. L-evalwazzjoni tal-proġetti ser titlesta matul l-ewwel kwart ta' sena 2016.

### L-Awtorità Nazzjonali għall-Programmi Edukattivi u l-Programm Erasmus+

Fl-1 ta' Jannar 2012, id-Diviżjoni għall-Fondi u l-Programmi ħadet ukoll l-irwol tal-Awtorità Nazzjonali għall-programmi ta' Edukazzjoni jiġifieri l-Programm Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Programmi

ta' Żgħażagħ f'Azzjoni (2007-2013). Iktar tard l-FPD ġiet ukoll innominata bħala l-Awtorità Nazzjonali għall-Programm Erasmus+ għall-perjodu ta' programmazzjoni(2014-2020).

Għall-programm il-ġdid l-irwol tal-FPD bħala Awtorità Nazzjonali nbidel konsiderevolment minn dak għall-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, u issa l-Awtorità Nazzjonali hija meħtieġa li tħares u tissorvelja l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Programm ta' Ħidma Erasmus+ u li tara li l-miri hekk kif stabbiliti fil-programm ta' ħidma jintlaħqu. Barra minn hekk l-Awtorità għandha wkoll taħtar korp indipendenti ta' verifika biex jiċċertifika d-Dikjarazzjoni Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Aġenzija. Il-qofol u l-irwol primarju tal-Awtorità huwa r-rapport annwali li jrid jintbagħat lill-Kummissjoni kull Ottubru. Ir-rapport jenfasizza r-riżultati tal-ħidma ta' sorveljanza mwettqa mill-Awtorità matul is-sena u jinforma lill-Kummissjoni dwar l-użu tar-riżorsi u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet u r-riżultati mogħtija mill-Kummissjoni wara r-rapport tal-Aġenzija.

Fid-dawl ta' dan l-Awtorità Nazzjonali rrivediet l-pjanijiet operazzjonali tagħha biex tiżgura li twettaq ir-rwol il-ġdid tagħha kif xieraq. L-ewwel rapport ta' verifika indipendenti ġie ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea fil-15 ta' Marzu u l-ewwel rapport tal-Awtorità ġie sottomess fil-31 ta Ottubru 2015.

**L-Awtorità ta' Ġestjoni għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) 2007-2013 u l-Fond Ewropew Marittimu u Sajd (FEMS) 2014-2020**

F'Marzu 2015, wara d-diskussjonijiet u n-negozjati li saru mal-Kummissjoni, ġie adottat il-Programm Operattiv għall-Malta -il-Fond Ewropew Marittimu u Sajd (FEMS) għall-Perjodu 2014-2020. Matul l-istess xahar, id-Diviżjoni organizzat wkoll l-aħħar Kumitat ta' Monitoraġġ għall-Programm Fond Ewropew għas-Sajd (FES) 2007-2013 fejn matulu kien approvat ir-Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni għall-Programm FES għas-sena 2014. Dan l-avveniment kien ukoll użat biex jigi mniedi uffiċjalment il-FEMS 2014-2020. Bħala avveniment ta' segwitu, l-ewwel Kumitat ta' Monitoraġġ tal-FEMS sar f'Mejju 2015. Iktar tard ġie organizzat seminar ta' taħriġ għall-persuni nvoluti fil-proċeduri ta' għeluq tal-Programm FES. Dan ġie organizzat mill-Awtorità ta' Ġestjoni f'Settembru 2015, fejn il-partijiet interessati rilevanti kollha kienu mistiedna. Dan is-semiar ġie organizzat bl-għajnuna ta' kelliema mistiedna esterni mill-Kummissjoni Ewropea is-Sur Frangiscos Nikolian, is-Sur Alexander Hoehnke u s-Sur Fabien DERIDDER.

Wara l-adozzjoni tal-programm il-ġdid FEMS 2014-2020 l-Awtorità ta' Ġestjoni ħadet ħsieb li taħdem fuq numru ta' dokumenti kkunsidrati bħala kritiċi qabel il-ħruġ tal-ewwel sejħiet tal-applikazzjonijiet, fosthom il-kriterji tal-ammissibbiltà u l-kriterji tal-għażla li kienu wkoll sussegwentement approvati mill-Kumitat ta' Monitoraġġ. Ġie mħejji wkoll manwal ta' proċeduri b'attenzjoni speċjali għal simplifikazzjoni ta' proċeduri fejn hu possibli. Bil-għan li li l-Awtorità ta' Ġestjoni tirċievi l-ħatra formali tagħha bħala Awtorità ta' Ġestjoni, tħejjew diversi dokumenti oħra bħall-abbozzar tad-deskrizzjoni tal-Ġestjoni u Kontroll, il-manwal għall-għażla ta' proġetti u r-Regoli tal-eliġibbiltà Nazzjonali għall-Ispejjeż. Ġiet ukoll żviluppata sistema elettronika ġdida li tinkorpora fiha l-applikazzjoni elettronika tal-proġetti.

Matul l-2015, tkompliet ukoll l-implimentazzjoni ta' diversi proġetti fosthom il-proġett għat-tisħiħ tal-Konsum tal-Ħut permezz ta' Edukazzjoni/Kuxjenza u enfażi għad-diversifikazzjoni fit-tip ta' ħut li jittiekel. Dan il-proġett għen biex jiżdied l-għarfien fost il-pubbliku ġenerali fuq il-benefiċċji marbutin mas-saħħa u fl-istess ħin tittejjeb id-domanda għall-ħut li mhux sfruttat biżżejjed u/jew l-Ispeċi tal-akkwakultura li konsegwentement dan jgħin fit-titjib tal-kompetittività tas-settur. F'Novembru 2015, ġie żgurat ukoll li l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) ġie mxandar fost il-pubbliku ġenerali u diversi proġetti kienu mxerrda permezz tal-użu ta' tliet reklami televiżivi kuljum fuq tliet stazzjonijiet tat-televixin.

Fil-2015 kien hemm l-implimentazzjoni u wkoll it-tkomplija tal-proġetti miftuħa skond l-assi prijoritarji varji, fosthom it-twettiq tal-ħames skema ta' waqfien permanenti mis-sajd, it-tkomplija u tlestija tal-kostruzzjoni tal-pixkerija nazzjonali, u proġetti oħra ta' infrastruttura fi ħdan portijiet

speċifikati kemm f'Malta u f'Għawdex u l-proġett ta' kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni sabiex jiżdied il-konsum tal-ħut f'Malta

Bħal fis-snin preċedenti, id-Diviżjoni wkoll irrappreżentat lil Malta f'kumitati tal-UE u l-Gruppi ta' Esperti u pprovdiet kull rIspons neċessarju dwar diversi proposti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw l-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma għall-2015 u l-2016 u l-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS).

**L-Awtorità ta' Ġestjoni għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**

Wara t-teħid tal-Awtorità ta' Ġestjoni għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) mill-MSDEC għall-MEAIM f'April 2014, is-sena 2015 kienet l-ewwel sena kalendarja sħiħa fejn l-FPD aġixxa bħala l-Awtorità ta' Ġestjoni għal dan il-Fond.

Iż-żewġ miri ewlenin tal-Awtorità kienu:

i. L-għeluq b'suċċess tal-RDP 2007-2013 u;
ii. L-adozzjoni b'suċċess tal-Programm ta' Żvilupp Rurali għall-perjodu 2014-2020.

Matul is-sena l-Awtorità ta' Ġestjoni ħadet il-passi meħtieġa sabiex tassigura li jintuża l-ikbar ammont tal-flus dIsponibbli. Għaldaqstant ħarset mill-qrib il-proġetti li kienu għad qed jiġu implimentati permezz ta' diversi laqgħat bilaterali ma' min kien qed imexxi dawn il-proġetti fosthom bdiewa, raħħala u Kunsilli Lokali.

L-Awtorità żgurat ukoll li jingħata kull tagħrif meħtieġ lill-Kummissjoni u entitajiet oħra Ewropej u pparteċipat f'laqgħat kemm f'Malta u kif ukoll fi Brussel. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għall-Programm 2007-2013 sar fis-17 t'April 2015 waqt li l-Kumitat ta' Monitoraġġ għall-Programm 2014-2020 sar f'Malta fit-18 Diċembru. Il-laqgħa annwali mal-Kummissjoni saret fis-17 t'April 2015.

Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-Programm il-ġdid 2014-2020, l-Awtorità rat li matul l 2015 kull kumment mogħti mill-Kummissjoni ġie segwit u ttieħdu l-azzjonijiet korrettivi mitluba mill-Kummissjoni, dan sabiex ikun żgurat li l-adozzjoni f'waqtha tal-Programm tissodisfa l-aħjar interessi tal-partijiet kollha inkluż tal-bdiewa u r-raħħala. Sabiex jintlaħqu dawn l-obbligi, l-Awtorità ta' Ġestjoni ffaċilitat diskussjonijiet varji bejn Ministeri.

L-Awtorità żgurat ukoll li l-Uffiċjali tal-KE jżuru Malta sabiex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-kuntest lokali; dan intlaħaq permezz ta' żjarat minn uffiċjali tal-Kummissjoni f'Ottubru u Novembru 2015, fejn kellhom l-opportunità li jżuru diversi proġetti ffinanzjati mill-Programm preċedenti (RDP 2007-2013). Il-programm 2014-2020 ġie adottat b'mod formali bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fl-24 Novembru 2015. Id-dokument tal-Programm 2014-2020 jista' jiġi aċċessat minn www.eufunds.gov.mt.

**Parteċipazzjoni ta' Malta fil-Programmi Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali u l-Programmi Med u ENI CBC taħt il-perjodu 2007-2013 u l-programmi għall-perjodu 2014-2020.**

Fir-rigward tal-Programmi Koperazzjoni Territorjali u l-Programm Med ENPI CBC 2007-2013, il-FPD kien involuta fl-istadji finali tal-proċess ta' implimentazzjoni, kemm fuq livell ta' proġetti kif ukoll fuq livell tal-programm. Bħala l-Awtorità responsabbili u l-koordinatur nazzjonali ta' Malta għall-Programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea l-FPD żammet kuntatt regolari mal-imsieħba tal-proġetti Maltin u ttieħdet kull azzjoni meħtieġa sabiex tiffaċilita t-tlestija b'suċċess tal-proġetti kollha. F'dan ir-rigward, il-FPD kien involut fil-monitoraġġ tal-proġetti li kienu għadhom fil-fażi ta' implimentazzjoni, inkluż tliet proġetti ġodda li ġew iffinanzjati mill-Programm Italja-Malta, fejn b'insistenza ta' Malta dawn raw fondi addozzjonali sabiex jiġu utilizzati flus miksuba minn iffrankar f'proġetti oħra taħt l-istess Programm.

Fl-14 ta' Diċembru ġie organizzat seminar sabiex jiġu mogħtija r-riżultati ta' suċċess li Malta kisbet f'dan il-perjodu 2007-2013. Għandu jiġi nnutat li f'termini monetarji, il-valur tal-proġetti li jinvolvu sħab Maltin wassal għal €6M addizzjonali meta mqabbla mal-allokazzjoni li Malta poġġiet fil-Programmi 2007-2013.

B'konnessjoni mal-monitoraġġ tal-Programmi msemmija hawn fuq, l-FPD ikkontribwixxiet lejn diversi deċiżjonijiet li ttieħdu matul is-sena kemm fuq bażi ta' pajjiż u kif ukoll fuq bażi ta' programm. Matul id-diversi laqgħat li attendiet l-FPD resqet il-pożizzjoni ta' Malta f'*task forces* u kumitati ta' Monitoraġġ. F'Ġunju 2015 Malta organizzat l-aħħar laqgħa finali tal-Kumitat għall-Monitoraġġ taħt il-Programm Med 2007-2013, u wara mexxiet l-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Programm Med Interreg 2014-2020.

FPD kienet involuta f'negozjati bil-għan li jiġu konklużi l-abbozzar tal-Programmi ta' Kooperazzjoni li fihom Malta hija eliġibbli biex li tipparteċipaw. Saru diversi diskussjonijiet, li kienu jinvolvu l-pajjiżi kollha li jipparteċipaw fil-Programmi bħal dawn, fosthom il-Programmi ta' Kooperazzjoni Italja-Malta, il-Programm Med, il-Programm Ewropa Interreg, il-Programm Interact III u l-Programm Med ENI CBC, li kollha jaqgħu taħt il-koordinazzjoni tal-FPD, liema programmi kollha ġew approvati mill-Kummissjoni Ewropea matul l-2015. Wara dan il-pass importanti ġew varati l-ewwel sejħiet għall-proposti ta' proġetti, partikolarment taħt il-Programm Med u l-Programm Ewropa Interreg li t-tnejn tnedew fl-2015 Il-FPD organizzat għadd ta' sessjonijiet ta' informazzjoni u laqgħat bilaterali sabiex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet Maltin. Diversi entitajiet Maltin bagħtu l-proposti tal-proġett u diversi applikazzjonijiet ġew sottomessi taħt dawn is-sejħiet.

Fir-rigward tar-rwol ieħor bħala kontrollur tal-Ispejjeż, l-FPD ivverifikat diversi talbiet għall-ħlas għar-rimborż. Sa tmiem l-2015, l-ammont ta' €14miljun ewro ġew ivverifikati b'konnessjoni mall-Proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali. Barra minn hekk, saru numru ta' kontrolli fuq il-post u l-irregolaritajiet li kienu ġew identifikati ġew pproċessati skont il-proċedura meħtieġa u skont il-każ. L-FPD kien involut ukoll fil-verifiki mwettqa mid-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet fosthom dawk fuq il-proġetti ffinanzjati mill-Programm Italja-Malta. Verifika simili kienet immexxija direttament mill-Awtoritajiet tal-Programm MED. Il-konklużjoni ġenerali ta' dawn il-verifiki kienet pożittiva.

**Programmi ta' Faċilità ta' Tranżizzjoni, tat-TAIEX u l-IPA**

Il-FPD kompla jaġixxi bħala l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-istrumenti TAIEX, Programm ta' Tranżizzjoni u l-IPA. L-2015 immarkati żieda fin-numru ta' notifiki li waslulha skont dawn il-mekkaniżmi u għalhekk inħasset il-ħtieġa li tiżdied il-viżibbiltà u l-promozzjoni ta' dawn il-programmi. Il-membri tal-FPD ingħataw l-opportunità li jattendu taħriġ f'Ħelsinki u Brussell sabiex jiffamiljarizzaw irwieħhom mal-proċessi relatati ma' dawn l-istrumenti bil-għan li jkunu kapaċi jwasslu l-istess messaġġi f'Malta. Għall-bidu tal-2016 qed jiġu ppjanati sessjonijiet ta' informazzjoni, flimkien ma' rappreżentati fi Brussell sabiex jitkabbar l-għarfien fuq dawn il-programmi.

**Il-Programmi taz-ŻEE u n-Norveġja 2009-2014**

Il-Programmi Finanzjarji għaż-ŻEE u n-Norveġja 2009-2014 ġew iffirmati f'April 2013. Il-ħames laqgħa tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Programmi 2009 u 2014 saret f'Jannar 2015 segwiti mill-Laqgħa Annwali mad-donaturi f'Marzu 2015. F'Ottubru 2015, l-Istati Donaturi approvaw estensjoni tad-data tal-eliġibbiltà tal-Programmi minn April 2016 sa April 2017 fuq talba li għamlet Malta stess. L-FPD kompliet tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-proġetti kollha sabiex jiġi żgurat li r-riżultati mistennija mill-programmi jinkisbu kollha sa l-iskadenzi l-ġodda stipulati (April 2017).

Għaldaqstant l-FPD organizzat diversi laqgħat bilaterali mal-imsieħba tal-proġetti kollha. Fl-2015, wara diskussjonijiet bejn l-Uffiċċju li jmexxi dawn il-mekkaniżmi finanzjarji fi Brussel ġie introdott proġett ġdid li huwa "Ċentru għall-Konservazzjoni tal-Ilma f'Malta". Dan ser jiġi iffinanzjat mill-Programm taż-ŻEE u ġie approvat uffiċjalment f'Awwissu 2015. Dan il-proġett issostitwixxa l-

proġett li ġie irtirat mill-WasteServ fl-2014. Dan wassal sabiex il-kuntratti kollha tal-proġetti issa huma kollha ffirmati u b'hekk dawn ser jassorbu l-allokazzjoni sħiħa tal-fondi possibbli taħt iż-żewġ mekkaniżmi.

B'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija tal-komunikazzjoni tal-Programmi msemmija, l-FPD pubblikament ippromoviet iż-żewġ programmi –dak taż-ŻEE u Għotjiet tan-Norveġja permezz ta' avviżi fuq il-magażin li jitqassam fuq it-titjiriet kollha tal-Air Malta matul l-erba' xhur tas-sajf 2015, li permezz ta' din l-attivita l-viżibbiltà ta' dawn il-programmi kompliet tikber.

**Programm ta' Kooperazzjoni Żvizzera-Malti**

Sejħa għall-offerti għall-evalwazzjoni tal-proġetti taħt il-Programm ta' Kooperazzjoni Żvizzera-Malti ġiet konkluża fil-11 ta' Frar 2015 fejn dak inhar ġie iffirmat il-kuntratt meħtieġ għas-servizz t'evalwazzjoni. L-analiżi twettqet matul perjodu ta' ħmistax-il ġimgħa li beda fil-11 ta' Frar 2015 u tlestiet f'April 2015. Ir-Rapport ta' evalwazzjoni ġie iffinalizzat u ppreżentat lill-FPD f'Mejju 2015, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet ta' natura orizzontali u kif ukoll fuq il-proġetti individwali. Ir-rapport finali ġie ppreżentat pubblikament lid-donaturi f'Novembru 2015 wara s-sottomissjoni tal-aħħar talba ta' ħlas finali u l-aħħar rapport ta' verifika maħruġ mid-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet. L-attivitajiet kollha previsti fuq dan il-programm għalhekk ġew konklużi u l-programm ikkunsidrat li ġie terminat għal kollox u b'suċċess. Il-Programm ġie fi tmiemu permezz ta' konferenza li ġiet organizzata f'Ġunju 2015 komplimentatha minn diversi avviżi ta' promozzjoni li ħarġu fuq il-gazzetti tal-Ħadd.

**Il-koordinazzjoni tal-fondi diretti mill-Unjoni Ewropea**

It-Taqsima tal-Fondi diretti stabbilita f'Ottubru 2011 ġewwa l-FPD għandha l-għan li tikkoordina l-parteċipazzjoni ta' Malta f'dawn il-programmi u tippromwovi l-fondi u l-programmi li jaqgħu taħt il-ġestjoni diretta tal-UE. Dan isir b'mod partikolari fi ħdan is-settur pubbliku sabiex Malta tkompli takkwista iktar dawn il-fondi li mhumiex daqstant magħrufa. L-FPD kompliet ukoll tipprovdi s-servizzi tagħha lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali fi ħdan id-diversi ministeri. Kompliet ukoll bl-attivitajiet ta' promozzjoni tagħha permezz ta' diversi mezzi fosthom laqgħat t'informazzjoni u gazzetta eletronika. It-taqsima fl-FPD regolarment temenda u taġġorna il-lista tal-programmi li huma taħt il-ġestjoni diretta tal-UE.

L-FPD, b'kollaborazzjoni mal-MEUSAC organizzat tliet seminars ta' tagħrif liema seminars ikkonċentraw fuq ġestjoni tajba tal-proġetti u tar-rwol tal-*contact points* Nazzjonali. L-FPD kienet involuta wkoll f'seminars oħra ta' informazzjoni bħal: seminar ta' informazzjoni bit-titlu l-"Ewropa għaċ-Ċittadini" u oħrajn organizzati mill-MEUSAC. Xogħol ieħor regolari mwettaq mill-Punt ta' Koordinazzjoni jikkonsisti f'kontrolli fuq il-post, maħsuba bħala forma ta' appoġġ għal minn imexxi dawn il-proġetti approvati mill-Kummissjoni Ewropea. Dan jiżgura li l-proġetti approvati jirċievu l-appoġġ meħtieġ sabiex jimmassimizzaw l-assorbiment tal-fondi. F'kollaborazzjoni ma' partijiet interessati ewlenin bħall-MEUSAC, ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea u d-Diretturi (Implimentazzjoni ta' Programmi) fi ħdan id-Dipartimenti tal-Gvern ġew stabbiliti u msaħħa l-mezzi ta' komunikazzjoni. Numru t'applikazzjonijiet għall-fondi ġodda ġew eżaminati mid-Diviżjoni qabel ma ġew ppreżentati lill-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk din is-sena l-FPD kienet il-mutur ewlieni fil-ħolqien tas-Sistema elettronika ta' Ġestjoni għall-Fondi Diretti (DFMS). Din is-sistema l-ġdida, żviluppata mill-MITA, se tgħin lill-FPD sabiex tħares l-applikazzjonijiet sottomessi għall-finanzjament tal-UE. Din is-sistema għandha wkoll tiffaċilita l-kompilazzjoni ta' rapporti sabiex nħarsu l-parteċipazzjoni ta' Malta fil-mekkaniżmi ta' finanzjament bħal dawn. F'konformità ma' dan, għadd ta' sessjonijiet ta' taħriġ ġew organizzati mill-FPD għan-National Contact Points kollha.

**Komunikazzjoni**

Id-Diviżjoni Fondi u Programmi organizzat għadd ta' seminars bil-għan li jippromwovu l-istrumenti varji ta' finanzjament. Barra minn hekk, matul ix-xahar ta' Novembru 2015 ġiet imnedija kampanja televiżiva li tippromwovi l-istejjer ta' suċċess tal-Fond Ewropew għas-Sajd u l-Programmi ta' Żvilupp Rurali 2007-2013. L-għan ewlieni kien li jipprovdi informazzjoni u jqajjem kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali tal-interventi mwettqa taħt iż-żewġ programmi. Barra minn dan il-portal eufunds.gov.mt dejjem inżamm aġġornat bl-aħħar informazzjoni fuq id-diversi programmi u fondi li tamministra d-Diviżjoni.

## L-Uffiċċju tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni

L-Uffiċċju tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni (IMU), għandu l-kompitu li joħloq *policies* u strateġiji għall-immaniġġjar tal-informazzjoni u t-teknoloġija. Dan l-Uffiċju għandu rwol ta' tmexxija fir-riinġinerija tal-*business processes* tal-MEAIM li fuqhom jissejsu l-infrastrutturi tal-ICT biex jiżdied l-użu produttiv, effiċjenti u ta' valur tal-informazzjoni.

L-IMU beda diversi inizjattivi importanti tal-ICT matul l-2015, prinċipalment relatati mal-preparazzjonijiet għall-perjodu li jwassal għall-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-2017 kemm f'Dar Malta fi Brussell u kif ukoll fil-Palazz tal-Gran Mastru, l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni ġodda, infrastruttura tan-*Network* ġdida u estensjonijiet tan-*Network* f'postijiet differenti Ministerjali, it-tiġdid tat-teknoloġija tat-tagħmir tan-*network* attiv, l-implimentazzjoni ta' siti elettroniċi ġodda, inkluż ir-ristrutturar taż-żewġ portali Ministerjali prinċipali, u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet kollaborattivi.

**Aġġornament tal-infrastruttura u appart ġdid elettroniku f'Dar Malta**

In-*network* tad-*data* u tat-telefon f'Dar Malta ried jissaħħaħ biex ilahhaq mal-ħtigijiet għall-perjodu tal-Presidenza tal-UE 2017. Iż-żieda fil-*users* kienet ippjanata li titla' sa mitejn u għoxrin u dan konsegwentement wassal għall-aġġornament u t-tiġdid tan-*network* tal-IT kollu. Infrastruttura passiva ġdida ġiet stabbilita f'parti mil-binja filwaqt ġew aġġornati il-*cables* f'diversi sulari f'Dar Malta l-proċess.

Id-disinn tan-*network* kompletament ġdid ħtieġ l-ippjanar u l-implimentazzjoni tat-tagħmir ta' *network* ġdid attiv biex ilaħħaq mat-traffiku miżjud tad-*data*. Id-disinn jilqa' livell għoli ta' *redundancy* biex jipprevjeni xi telf ta' servizz fil-każ ta' falliment ta' xi parti mill-infrastruttura tat-tagħmir attiv tan-*network*. It-tagħmir kollu tan-*network* inkiseb u huwa skedat għall-installazzjoni matul l-ewwel kwart tal-2016.

Kunsinna ta' tletin laptops għar-Rappreżentanza Malta għall-Unjoni Ewropea ġew installati u kkonfigurati bi qbil ma' kull tagħmir ieħor tal-gvern.

Il-funzjoni tas-sapport tal-IT ġiet riorganizzata u msaħħa minn servizzi addizzjonali mill-IMU u wkoll permezz tal-involviment ta' uffiċjal wieħed tal-MITA fuq is-sit. Riżorsi addizzjonali huma ppjanati li jiġu allokati għal din il-funzjoni importanti hekk kif qed toqrob il-Presidenza tal-Kunsill fil 2017.

**Presidenza tal-UE 2017 fil-Palazz tal-Gran Mastru**

L-ippjanar, it-tfassil u l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet infrastrutturali kumplessi li huma maħsuba fil-Palazz għall-Presidenza tal-Kunsill Ewropew fl-2017 huma s-suġġett tal-laqgħat ta' kull ġimgħa biex jissorveljaw il-progress u biex jippermettu koordinazzjoni effettiva u l-immaniġġjar tad-diversi proġetti li jkunu għaddejjin.

**Estenzjonijiet ġodda u titjib tan-*Network***

LAN ġdid ġie kkummissjonat f'uffiċini ġodda fil-Ministeru. Bdew xogħlijiet wkoll fuq l-infrastruttura tal-IT u aġġornament tat-tagħmir tan-*network* attiv fid-Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni (PPCD) u d-Dviżjoni għall-Fondi u Programmi (FPD) sabiex ilahhqu mal-bzonnijiet akbar fil-programmi ta' finanzjament 2014-2020.

**Sistema tal-Akkreditazzjoni għall-Presidenza tal-Kunsill Ewropew fl-2017**

L-IMU kien involut fit-tfassil u l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni tal-offerti għall-provvista ta' soluzzjoni li għandha tintuża għall-akkreditazzjoni, ir-reġistrazzjoni tal-avvenimenti, loġistika u l-produzzjoni tal-*badges* għad-delegati li jattendu avvenimenti u konferenzi internazzjonali fuq skala kbira ospitati jew appoġġjati mill-Gvern ta' Malta in konnessjoni mal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew fl-2017.

**L-iżvilupp tas-Sistemi tal-Finanzjament tal-UE**

Għadd ta' sistemi ġodda ta' finanzjament (relatati mal-perjodu ta' programm 2014-2020) ġew żviluppati matul l-2015. Dawn kienu jinkludu:

a) Is-Sistema tal-SFD 2014-2020;
b) Is-Sistema tas-Centralised Funds Management;
c) Is-Sistema tal-MSIS 14-20;
d) L-EMFF 2014-2020 programme database system;
e) Is-Sistema tal-EAFRD.

F'dan ir-rigward, l-IMU pparteċipa f'laqgħat relatati, diskussjonijiet u sessjonijiet ta' ttestjar.

**Siti Elettroniċi u Soluzzjonijiet kollaborattivi**

Il-portalli tal-ODPM u tal-EU Funds ġew ristrutturati u kontinwament mtejbin biex jilqgħu għall-ħtiġiet tal-kontenut muri tal-Ministeru li kontinwament jinbidel.

L-IMU kien involut b'mod attiv fit-tħejjija u l-koordinazzjoni mat-tim tal-e-Gov tal-MITA fuq it-twaqqif ta' diversi siti elettroniċi tal-Presidenza tal-UE 2017.

L-IMU ħadem ukoll mill-qrib mal-PPCD u l-MITA għal disinn ta' sit elettroniku ġdid tal-IIYF fuq il-MITA SharePoint CMS.

**Oħrajn**

L-IMU mexxa l-immaniġġjar tal-proġett għall-migrazzjoni b'suċċess tad-*data* tas-Segretarjat tal-UE fuq l-ambjent ġdid ikkonsolidat tal-MITA. Stabilixxa wkoll proċessi formali u dokumentati li jagħtu/jimmodifikaw/jirrevokaw drittijiet fuq is-sistemi tal-SFC tal-Kummissjoni tal-UE. Dan kien jinkludi l-ħolqien u ċ-ċirkolazzjoni ta' formola f'dan ir-rigward, *logging* ta' talbiet, u l-kontrolli ta' governanza perjodiċi. Dawn il-proċeduri se jippermettu awtorizzazzjoni xierqa u traċċar sħiħ fil-*flow* ta' dawn il-proċessi.

L-IMU mexxa wkoll l-immaniġġjar tal-proġett flimkien mal-MITA għall-migrazzjoni tal-*workstations* kollha tal-Ministeru għall-Windows 8.1 u għar-riffriskar tat-teknoloġija ta' madwar 60 *workstations* fil-PPCD li jiġu sostitwiti ma' *laptops* ġodda u kif ukoll it-trasferiment tad-*data* u l-ikkummissjonar tal-*workstations* ġodda.

Il-*Unit* kien involut b'mod dirett fil-*Business and Requirements Analysis*, l-ittestjar u l-kollaborazzjoni bejn il-klijent u l-MITA għall-iżvilupp tas-sistema l-ġdida SFD 14-20 u l-formola tal-

applikazzjoni assoċjata. Din tal-aħħar ħadet post il-proċess manwali għall-benefiċjarji li japplikaw għal Sejħiet tal-UE maħruġa minn PPCD.

**Measures and Support Division**

Id-Diviżjoni rat it-twaqqif tagħha matul l-aħħar nofs ta' din is-sena, bl-għan li fost ir-responsabbiltajiet, tassumi il-funzjoni ta' Korp Intermedjarju skont il-provvedimenti ta' Artiklu 123 (6) tar-Regolament (UE) Nru.1303/2013, u responsabbli għall-amministrazzjoni u l-implimentazjoni ta' miżuri kofinananzjati mill-Fondi Ewropej, partikolarment dawk immirati lejn l-industrija u s-setturi differenti fil-qasam tan-negozju għall-perjodu operattiv 2014-2020.

Matul dawn ix-xhur, saret ħidma sabiex ikunu identifikati l-kompetenzi u r-riżorsi meħtieġa sabiex id-Diviżjoni tkun tista' tassumi din il-funzjoni, b'mod effettiv, effiċjenti u b'livell ta' *standards* għolja.

Wara konsultazzjoni ma' numru ta' entitajiet, u b'ħidma mill-qrib mal-Awtorita ta' Ġestjoni, kienu identifikati numru ta' azzjonijiet b'potenzjal li jkunu finanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2014-2020. Dan wassal sabiex ikun mfassal qafas ta' miżuri li jindirizzaw numru ta' objettivi elenkati taħt assi ta' prijorità differenti taħt il-programm, u bdew jiġu żviluppati l-miżuri individwali fuq livell tekniku.

Twettqet ħidma sabiex ikunu identifikati u mfassla s-sistemi u l-proċessi meħtieġa sabiex filwaqt li jkun assigurat li l-amministrazzjoni, l-implimentazzjoni, u l-monitoraġġ tal-miżuri jkunu ffaċilitati, u sa fejn hu possibbli tiġi indirizzata l-burokrazija żejda, ikunu adottati livelli għolja ta' standards ta' kwalità, trasparenza, u kontabbiltà fl-operat tad-Diviżjoni.

Id-Diviżjoni kkordinat numru ta' laqgħat ma' Korpi Intermedjarji oħra, sabiex ikun hemm sinerġija fil-prattiċi, is-sistemi u l-proċessi adotatti sabiex twassal għal aktar koerenza fl-implimentazzjoni ta' miżuri kofinanzjati mill-Fondi Ewropej.

**Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni**

Id-Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni twaqqfet f'Ġunju tal-2015 bil-ħsieb li jiġu żviluppati u implimentati pjanijiet u strateġiji relatati ma' xogħol fi ħdan il-Ministeru.

### Perjodu ta' Programmazzjoni 2014-2020

Id-Diviżjoni kkoordinat it-tnedija tal-Programmi Operattivi ta' Politika ta' Koezjoni 2014-2020 f'Marzu tal-2015. Id-Diviżjoni assistiet ukoll lid-Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fl-iżvilupp ta' Sistema għall-Immaniġjar tal-Informazzjoni sabiex tiġi użata matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

Matul is-sena 2015, id-Diviżjoni kkontribwixxiet fl-abbozzar tal-Programm għall-Iżvilupp Rurali. Fuq kollox, id-Diviżjoni kienet responsabbli sabiex tagħmel *SWOT analysis* u sussegwentement biex tiġi żviluppata strateġija għall-Programm għall-Iżvilupp Rurali b'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti.

### Evalwazzjoni (Ex-Post) Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni

Id-Diviżjoni wettqet evalwazzjoni ex-post tal-Programmi Annwali kofinanzjati taħt il-Programm Ġenerali 'Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni' tal-2011, 2012 u 2013, b'konformità mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti. Sabiex titwettaq din l-evalwazzjoni, id-Diviżjoni żviluppat metodoloġija ta' riċerka fejn għodda ta' riċerka għall-fondi speċifiċi għall-ġbir ta' informazzjoni ġew żviluppati u ddisseminati lill-mexxejja tal-proġetti rIspettivi u lil dawk li jfasslu l-politika. Mill-informazzjoni li rċeviet, id-Diviżjoni fasslet rapport ta' evalwazzjoni għal kull fond (il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi, Fond Ewropew għar-Refuġjati, Fond Ewropew għar-

Ritorn u l-Fond Ewropej għall-Fruntieri Esterni). L-erba' rapporti ġew sottomessi lid-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi bħala Awtorità Responsabbli għal trażmissjoni ulterjuri lill-Kummissjoni Ewropea.

**Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku (FEIS)**

Ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku (FEIS) f'Malta ġiet vestita fil-Ministeru tal-Affarijiet Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali. Il-punt ta' kuntatt hija d-Diviżjoni tal-istrateġija u l-Implimentazzjoni. Din id-Diviżjoni bħalissa qed tfassal strateġija dwar kif għandha tiġi mmassimizzata l-parteċipazzjoni ta Malta fil-FEIS. Ir-rwol tal-punt fokali huwa li jaġixxi bħala kanal għall-benefiċjarji potenzjali, biex jiffaċilita kemm jista' jkun il-proċess (għall-proġetti tas-settur pubbliku u privat), kif ukoll biex jappoġġja kwalunkwe promoturi fil-preżentazzjoni tal-proposti tagħhom. Qed jiġi ukoll ppjanat avveniment li mistenni jseħħ fl-ewwel nofs tal-2016, sabiex jippromwovi u jipprovdi informazzjoni dwar il FEIS lill-benefiċjarji potenzjali.

**Funzjoni ta' Line Ministry– Fondi tal-Unjoni Ewropea**

Id-Diviżjoni twettaq il-funzjonijiet bħala Line Ministry rigward pagamenti dwar Fondi Bilaterali fuq Livell Nazzjonali, *Programme Operator Costs* taħt l-EEA Grants u Assistenza Teknika, ko-finanzjati taħt l-EEA/Norway Grants 2009-2014; Assistenza Teknika ko-finanzjata taħt l-iSwiss-Maltese Cooperation Programme, il-Fond Ewropew għas-Sajd u l-Fondi Strutturali li huma l-Programmi Operattivi I u II. Minħabba l-għeluq tal-Perjodu ta' Programmazzjoni 2007 – 2013, ħidma intensiva flimkien mal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u l-*Corporate Services Directorate* għamlet possibli li kull talba għall-pagament li rċevejna sal-aħħar tas-sena ġiet ppproċessata u ntbagħatet it-Teżor biex isir il-ħlas tal-pagament.

Id-Diviżjoni pprovdiet wkoll sapport lil Ministeru fi proġett taħt il-POII – *Priority Axis 4* għal proġett li huwa immirat biex isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva sabiex uffiċjali fis-settur pubbliku jibbenefikaw mill-benefiċċji kollha li ġabet magħha l-isħubija fl-UE. Minn dan il-proġett, 200 uffiċjal irċieva taħriġ dwar affarijiet Ewropej, 55 uffiċjal irċieva taħrig fil-Lingwa Franċiża, 14-il uffiċjal irċieva taħrig rigward ġestjoni u tmexxija filwaqt li 2 uffiċjali esperjenzaw programm ta' apprendistat.

**Vakanzi f'Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**

Fl-2015, id-Diviżjoni kompliet id-disseminazzjoni ta' vakanzi fl-UE lil Ministeri rilevanti. Sal-aħħar tas-sena 2015, id-Direttorat bagħat total ta' 331 notifikazzjoni lis-Segretarji Permanenti fejn ġew indikati l-postijiet battala rigward Esperti Nazzjonali Ssekondati, kif ukoll numru ta' vakanzi għal Agenti Temporanji. Fil-2015 kien hemm disa' nominazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' Esperti Nazzjonali Ssekondati. Żewġ uffiċjali ġew magħżula għall-issekondar mal-Kummissjoni Ewropea filwaqt li uffiċjal wieħed ġie ssekondat mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

Ġew ppproċessati wkoll numru ta' talbiet għall-approvazzjoni ta' Reklutaġġ iffinanzjat mill-UE f'isem il-Ministeru skont il-Manwal għall-Entitajiet fis-Settur Pubbliku – Delega għall-Approvazzjoni ta' Reklutaġġ.

**Programm għall-Junior Professionals in Delegation – 2016 round**

Fl-1 ta' Ġunju 2015, il-European External Action Service (EEAS) nediet il-Programm għall-Junior Professionals in Delegation (JPD) 2016. Dan il-Programm ta' livell għoli ta' apprendistat kien indirizzat lejn gradwati fil-livell ta' *Masters* li xtaqu jipparteċipaw għal programm ta' apprendistat ta' 9 xhur għal sessjonijiet taħt il-kompetenza tal-EEAS (oqsma politiċi), jew għal sessjonijiet taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni (prinċipalment f'oqsma operattivi jew kummerċjali). F'dan ir-rigward, Malta kellha total ta' żewġ postijiet allokati (wieħed għal delegazzjoni tal-EEAS u ieħor għal delegazzjoni tal-Kummissjoni). Id-Diviżjoni għandu rwol bħala punt ta' kuntatt Malti għall-

Programm tal-JPD, ippromwova s-sejħa tal-2016, b'notifika fuq il-Gazzetta tal-Gvern fil-5 ta' Ġunju 2015, permezz ta' avviżi fil-gazzetti kollha lokali, kif ukoll fuq il-*website* tal-*ODPM*. Mill-erbatax-il applikazzjoni sottomessi, tlettax minnhom kienu eliġibbli. Tmien applikanti ġew *pre-selected* għall-pożizzjoni ffinanzjata mill-EEAS u ħames applikanti għall-pożizzjoni ffinanzjata mill-Kummissjoni.

**Affarijiet tal-Unjoni Ewropea**

Id-Diviżjoni kienet involut b'mod attiv fit-tħejjija u l-koordinazzjoni ta' numru ta' *files* taħt diskussjonijiet fil-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill, partikolarment il-Grupp tal-Affarijiet Ġenerali, u wkoll fil-COREPER II. Għandu wkoll jiġi enfasizzat li, flimkien mas-Segretarjat tal-UE, dan id-Direttorat kien ukoll involut b'mod attiv fit-tħejjija tal-briefs għall-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali. Bil-Presidenza Maltija fl-2017 tersaq dejjem eqreb, id-Diviżjoni ħadet rwol ewlieni fl-abbozzar ta' Pjan ta' Azzjoni Strateġika tal-Ministeru. Dan il-Pjan Strateġiku iġib fuq quddiem l-aspetti l-aktar kruċjali li jeħtieġ li jiġu ndirizzati mill-Ministeru tal-Affarijiet Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali, fir-rwol vertikali tiegħu, sabiex jiġi żgurat li l-Ministeru jikkontribwixxi b'mod effettiv lejn it-tħaddim bla xkiel u effiċjenti tal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-UE.

Id-Diviżjoni tirrappreżenta l-Ministeru fil-laqgħat Inter-Ministerjali dwar l-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fil-laqgħat tal-Kumitat Inter-Ministerjali dwar il-Presidenza Maltija, li jseħħu kull xhar.

**Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali**

Id-Diviżjoni hija responsabbli ukoll għall-monitoraġġ ġenerali tal-proposti kollha tal-manifest li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru. F'Diċembru 2015, 75.48% tax-xogħol fuq dawn il-proposti kien finalizzat. Mill-21 proposta, ħames miżuri kienu finalizzati u erba' miżuri oħra huma kważi finalizzati. Titjib konsiderevoli ġie reġistrat fuq it-tnax-il miżura l-oħra.

**Libertà ta' Informazzjoni**

Id-Diviżjoni għandha rwol sabiex il-Ministeru jimxi mal-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-Att dwar il-Libertà ta' Informazzjoni. Fl-2015, in-numru ta' Awtoritajiet Pubbliċi f'dan ir-rigward fi ħdan il-Ministeru ġew imnaqqsa u l-Ministeru issa qiegħed jopera bħala Awtorità Pubblika waħda. Wara li t-talbiet dwar l-libertà ta' informazzjoni ġew ċċentralizzati, id-dikjarazzjonijiet tal-Artikolu 17 ġew riveduti u fuq il-*website* tal-Ministeru ġiet ippubblikata dikjarazzjoni waħda konsolidata.

**Awtorità Kompetenti FĠA u FAEŻR**

Id-Diviżjoni kienet involut fl-inizjattivi mill-Aġenzija tal-Pagamenti sabiex jiġu indirizzati r-rakomandazzjonijiet mingħand is-*Certification Body* rigward il-kontijiet tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali għall-FGA u FAEŻR għas-sena finanzjarja 2014.

**Inizjattivi Oħra**

Din id-Diviżjoni taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt primarju dwar il-proġett tal-'One Stop Shop'. Matul l-2015, id-Diviżjoni ltaqat diversi drabi mat-tim ta' implimentazzjoni u attenda numru ta' sessjonijiet ta' informazzjoni sabiex jappoġġja din l-inizjattiva.

Huwa wkoll il-kompitu tad-Diviżjoni li tikkordina l-miżuri ta' simplifikazzjoni u dawk tal-baġit. Fl-2015, kien hemm sbatax-il miżura ta' simplifikazzjoni li għaxra minnhom ġew implimentati bis-sħiħ fl-2015.

**Regolamenti dwar il-Fondi tal-UE 2014-2020**

Id-Diviżjoni tikkoordina u tħejji l-pożizzjonijiet ta' Malta li jiġu rikjesti għal diskussjonijiet tal-

Kunsill fil-*working groups* rilevanti, kif ukoll fil-COREPER rigward il-politika ta' koeżjoni u *dossiers* relatati. Fl-2015, negozjati fil-Kunsill iffukaw primarjament fuq l-abbozzar ta' leġislazzjoni sekondarja kif provduta fir-regolamenti prinċipali relatati mal-Fondi Ewropej. Dawn jinkludu *delegated acts pendenti,* bħal dawk fuq *flat rates* u rappurtar ta' irregolaritajiet, kif ukoll il-*file* dwar il-Common Provisions Regulation corrigendum.

Id-Diviżjoni taħdem ukoll fuq il-pożizzjonijiet ta' Malta b'reazzjoni għal diversi rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, inizjattivi tal-UE marbuta direttament mal-FESI kif ukoll ma' konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew; b'koordinazzjoni kif meħtieġ mal-Line Ministries rilevanti. Id-Diviżjoni tipprepara wkoll dokumenti li ġew rikjesti minħabba l-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Laqgħat Ministerjali Informali dwar Koeżjoni li saru fil-Latvja u Lussemburgu, fejn fid-diskussjonijiet ġew indirizzati kwistjonijiet rigward simplifikazzjoni, kapaċità amministrattiva, kif ukoll xenarji u viżjonijiet territorjali.

**Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Programmi tal-ESPON 2013 u ESPON 2020**

Id-Diviżjoni hija l-*contact point* nazzjonali għall-programmi tal-ESPON 2013 u tal-ESPON 2020. F'dan ir-rigward, tqasmet informazzjoni relatata mal-ESPON fosthom f'gazzetti, rapporti ta' proġetti, *surveys*, sejħa għall-offerti u avviżi dwar xogħol lill-partijiet interessati rilevanti. Fl-2015 id-disseminazzjoni ta' informazzjoni ġiet intensifikata minħabba t-tnedija tal-programm il-ġdid. Għaldaqstant, is-sezzjoni tal-ESPON fil-*website* tal-Fondi tal-Unjoni Ewropea, ġiet aġġornata u l-programm il-ġdid ġie promoss b'kollaborazzjoni mad-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi fi ħdan il-Ministeru, kif ukoll mal-MEUSAC.

Id-Diviżjoni ipparteċipat b'mod attiv f'erba' laqgħat tal-Monitoring Committee li ġew organizzati mill-ESPON Managing Authority, laqgħa tal-Joint Working Group li ġiet organizzata mill-ESPON Coordination Unit u żewġ avvenimenti tal-ESPON, inkluż ukoll l-avveniment ta' tnedija tal-Programm ESPON 2020 f'Ġunju. Fi Frar tas-sena 2015, il-Programm tal-ESPON 2020 ġie approvat u f'Settembru tal-2015, Malta iffirmat il-ftehim ta' koperazzjoni li għamel possibli il-partecipazzjoni fil-Programm tal-ESPON 2020

**Punt ta' Kuntatt Nazzjonali fuq Koeżjoni Territorjali**

Id-Diviżjoni għandha wkoll ir-rwol ta' punt ta' kuntatt fuq in-*Network of Territorial Cohesion Contact Points (NTCCP)* li huwa responsabbli sabiex isegwi l-iżviluppi relatati mal-implimentazzjoni tal-Aġenda Territorjali 2020, kif ukoll l-Expert *Group on Territorial Cohesion and Urban Matters (EGTCUM*) fejn il-punti fokali huma primarjament fuq id-dimensjoni territorjali u urbana tal-Programmi tal-Fondi Strutturali, fuq il-kejl tal-iżvilupp territorjali u urban, u l-inizjattivi tal-Kummissjoni rigward kwistjonijiet territorjali u urbani.

Fl-2015, id-Diviżjoni attendiet laqgħat tal-NTCCP li saru fil-Latvja u Lussemburgu, kif ukoll laqgħat tal-EGTCUM, ippreseduti mill-Kummissjoni Ewropea, u li kien jsiru kull tliet xhur ġewwa Brussels.

## ID-DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR U KOORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET

Id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet (PPCD) issa hija waħda minn tliet diviżjonijiet li għandha r-responsabbiltà li tmexxi u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE u dawk bilaterali f'Malta. B'mod aktar speċifiku, il-PPCD hija responsabbli sabiex:

- taġixxi bħala Awtorità ta' Ġestjoni għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013;
- taġixxi bħala Awtorità ta' Ġestjoni għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020;
- taġixxi bħala Awtorità ta' Ġestjoni għall-istrument FEAD 2014-2020;
- taġixxi bħala Awtorità ta' Ġestjoni għall-Inizjattiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji 2014-2020;

- tikkoordina pożizzjonijiet nazzjonali dwar il-Politika ta' Koeżjoni (2007-2013 u 2014-2020) u tipprovdi s-sehem tagħha għall-pożizzjoni nazzjonali fuq setturi oħra meta jkun propost finanzjament tal-UE jew għal attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-PPCD;
- tmexxi l-proċess tas-selezzjoni tal-proġetti għall-Programmi Operattivi I u II (2007-2013);
- tmexxi l-proċess tas-selezzjoni tal-proġetti għall-Programmi Operattivi I u II (2014-2020);
- taġixxi bħala l-koordinatur nazzjonali għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u b'mod partikolari tikkoordina azzjonijiet maħsuba sabiex jiżguraw l-użu tal-allokazzjoni delimitata ta' Malta taħt dan l-istrument.

**Il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE 2007-2013 & 2014-2020**

Il-31 ta' Diċembru 2015 kienet id-data finali ta' eliġibbiltà għall-Perjodu ta' Programmazzjoni 2007-2013 u, minbarra l-attivitajiet li rrappurtajna dwarhom fi snin preċedenti, is-sena 2015 kienet partikolarment ikkaratterizzata minn attività intensa marbuta mal-ipproċessar ta' pagamenti taħt iż-żewġ Programmi Operattivi ewlenin (OP I u OP II). F'dan ir-rigward, PPCD iffukat primarjament li toffri l-għajnuna tagħha fejn jidħol il-qasam tax-xogħol fuq livell ta' proġett billi ffaċilitat il-proċessi ma' entitajiet oħra, bħad-Dipartiment tal-Kuntratti u t-Teżor, kif ukoll billi pprovdiet il-gwida meħtieġa għal bosta kwistjonijiet marbuta mal-proġetti li nħolqu fl-istadji tal-kuntratt, l-implimentazzjoni u n-nefqa fiċ-ċiklu tal-proġett. Marbuta ma' dan, kien hemm attivitajiet kontinwi matul is-sena marbuta mas-selezzjoni finali tal-proġetti, l-iffirmar ta' Ftehimiet ta' Għotja, il-valutazzjoni tat-talbiet mill-benefiċjarji għal modifikazzjonijiet fl-għotja u tħejjija marbuta ma' dawn il modifiki u l-abbozz ta' Addenda.

L-attivitajiet ta' hawn fuq kienu qed isiru fil-kuntest ta' attivitajiet kontinwi oħra marbuta mal-obbligu regolatorju fuq il-PPCD bħala l-Awtorità ta' Ġestjoni (MA) għaż-żewġ Programmi (OPI u OPII) li jinkludi, fost oħrajn, it-tħejjija u s-sottomissjoni tar-Rapport Annwali dwar l-Implimentazzjoni għaż-żewġ Programmi, is-segwitu tal-verifikar fuq l-Operazzjonijiet li tnedew jew mill-awdituri tal-Programm jew minn awdituri oħra responsabbli mill-monitoraġġ tan-nefqa taħt il-Fondi Strutturali, l-iskedar tal-laqgħat għall-Kumitat ta' Monitoraġġ kif ukoll azzjonijiet dwar l-evalwazzjoni u l-komunikazzjoni. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, il-PPCD ħadmet mal-awtorità nazzjonali tax-xandir biex tiżviluppa serje ta' filmati qosra dwar proġetti li kienu kofinanzjati permezz tal-Programmi. F'dak li għandu x'jaqsam mal-azzjonijiet marbuta mal-evalwazzjoni, il-ħidma fuq l-evalwazzjonijiet tematiċi taż-żewġ Programmi Operattivi kienet kontinwa fl-2015 u l-MA pparteċipat b'mod attiv f'għadd ta' evalwazzjonijiet ex-post li tnedew mill-Kummissjoni.

Wara l-approvazzjoni tal-Programmi Operattivi f'Diċembru 2014, il-fażijiet ta' tħejjija għall-Perjodu ta' Programmazzjoni 2014-2020 bdew fil-bidu tal-2015, permezz tat-tnedija uffiċjali f'Marzu 2015 u komplew bl-approvazzjoni sussegwenti tal-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' selezzjoni għall-proposti ġodda taħt il-perjodu 2014-2020 mill-Kumitat ta' Monitoraġġ. Dan ippermetta t-tnedija tal-ewwel sejħiet taħt dan il-Perjodu ta' programmazzjoni, b'total ta' żewġ Sejħiet għal Proposti maħruġa taħt OP I u żewġ Sejħiet oħra li nħarġu taħt OP II, li mmiraw Assi Prijoritarji u Prijoritajiet ta' Investiment differenti. Barra minn hekk, fl-2015, inħareġ ukoll preavviż addizzjonali għal Sejħa 3 taħt kull Programm rIspettiv.

Matul is-sena 2015, il-JASPERS (Assistenza konġunta ta' appoġġ għal proġetti fir-reġjuni Ewropej) kompliet tipprovdi l-għajnuna tagħha fit-tħejjija għall-Programm 2014-2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

F'termini ta' dan tal-aħħar, fi Frar 2015, l-MA, flimkien ma' Transport Malta u l-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, kienet strumentali fit-tħejjija u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-proġett *The Upgrading of Modal Interconnections on Malta' s Tent-T (road) Core Network* taħt iċ-CEF. Dan il-proġett, b'valur stmat ta' EUR 45 miljun ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea fit-30 ta' Ġunju 2015. Permezz ta' din l-approvazzjoni, Malta se tirċievi madwar EUR 38 miljun għall-kofinanzjament ta' dan il-proġett allokati taħt iċ-CEF. Dan il-proġetti hu mistenni li jikkontribwixxi

għall-eliminazzjoni tal-konġestjoni tat-traffiku lejn in-naħa ta' fuq ta' Malta permezz tal-kostruzzjoni ta' triq li tgħaddi fuq il-bqija tat-toroq l-oħra, filwaqt li jintroduċi inizjattivi għall-bidla modali, faċilitajiet ta' *park and ride*, mogħdijiet għall-karozzi tal-linja, mogħdijiet għar-roti u passaġġi għall-mixi. Barra minn hekk, matul l-2015, l-MA kompliet twettaq ir-rwol tagħha ta' koordinatur fir-rigward tat-tliet setturi differenti taħt iċ-CEF, jiġifieri t-telekomunikazzjoni, l-enerġija u t-trasport.

Kompitu ieħor li l-MA bdiet u kkonkludiet b'suċċess fl-2015 kienet it-tnedija tal-Inizjattiva tal-Intrapriżi Żgħar u Medji, billi bdiet bl-iffirmar tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Ftehim bejn il-Kredituri mal-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI f'Lulju 2015, li kien akkumpanjat mit-tnedija ta' Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal Intermedjarji Finanzjarji. L-Inizjattiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji f'Malta tgħaqqad strumenti differenti, jiġifieri l-FEŻR u l-Orizzont 2020 u tipprovdi lill-banek żieda fil-likwidità li biha jistgħu jipprovdu self għal Intrapriżi Żgħar u Medji li huma "aktar riskjużi" (bħal negozji ġodda u SMEs innovattivi) b'anqas rekwiżiti kollaterali u prezzijiet imraħħsa. Għaldaqstant, dan l-istrument ta' garanzija tas-self jippermetti aċċess aktar faċli biex jiġu ffinanzjati l-Intrapriżi Żgħar u Medji li jirċievu kundizzjonijiet ta' finanzjament aħjar, assistenza fuq proġetti li kieku jiġu rifjutati mill-banek f'kundizzjonijiet normali tal-bank, u kuntratti tas-self b'termini aħjar. Taħt l-Inizjattiva għall-Intrapiżi Żgħar u Medji, ġew allokati EUR 15M sabiex jiġi ġġenerat portafoll massimu ta' assistenza ta' self li jammonta għal madwar EUR 60M.

Dan li ġej huwa rieżaminazzjoni tal-azzjonijiet li l-unitajiet differenti fi ħdan l-MA ffukaw fuqhom fl-2015 biex jitwettaq ir-rwol tal-MA għall-Politika ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u l-2014-2020.

**Il-Programm Operattiv I u l-Fond ta' Koeżjoni**

Fir-rigward tal-Programm Operattiv I (OP I) u l-Fond ta' Koeżjoni, l-Awtorità ta' Ġestjoni ħarġet sejħa għal Proġetti li mhumiex maġġuri f'Awwissu 2015 u wettqet l-evalwazzjoni tas-sottomissjoni sal-aħħar tas-sena. Fil-fatt fl-2015, ħarġet sejħa waħda (1) għall-FK taħt Ass Prijoritarju 5. Sal-31 ta' Diċembru 2015, total ta' mija u tlieta u tletin (133) proġett intgħażlu taħt l-OP I, minbarra d-disa' (9) Skemi ta' Għajnuna implimentati mill-Korpi Intermedjarji differenti permezz tal-Programm 2007-2013.

Taħt OP I, għan ewlieni fl-2015 kien il-monitoraġġ tal-programmi li kienu qegħdin jiġu implimentati li kellhom jonfqu kollox sa Diċembru 2015, minħabba l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-Programm 2007-2013. Il-valur tal-baġit totali tal-proġetti li kienu għaddejjin fl-2015 ammonta għal madwar EUR 718M li jirrifletti 84% tal-allokazzjoni tal-Programm.

L-implimentazzjoni tal-inizjattiva JEREMIE (Riżorsi Ewropej Konġunti għall-Impriżi Mikro sa Medji) li toffri garanzija għall-portafoll tal-ewwel telf kompliet fl-2015 u kisbet l-ilħuq tal-allokazzjoni kollha tagħha. Wara dan, l-għan kien li jiġi żgurat li jkun hemm żborż tal-fondi li għalihom kien hemm impenn. Sa Diċembru 2015, l-iżborż tal-Intrapriżi Żgħar u Medji laħaq id-EUR 59.6M fuq impenn totali ta' EUR 62.6M li rriżulta fi żborż ta' 95% tal-portafoll impenjat. Matul l-2015 ġiet iffirmata Estensjoni tal-Ftehim ta' Finanzjament JEREMIE, li ppermettiet lill-Intermedjarji Finanzjarji li jfittxu li jiksbu 100% tal-iżborż sal-aħħar tal-ewwel kwart tal-2016.

**Il-Perjodu ta' Programmazzjoni 2014 – 2020 għall-FEŻR u l-FK**

Fir-rigward taż-Żewġ Sejħiet li tnedew taħt OP I, dawn kienu jolqtu l-aktar Ministeri, Dipartimenti tal-Gvern, Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali u kumpaniji tas-settur pubbliku. L-ewwel Sejħa taħt OP I ffukat fuq AP 3 -It-titjib tal-kompetittività permezz tal-investiment fl-SMEs, AP 4 – Il-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, AP 5 – Il-protezzjoni tal-ambjent – L-investiment f'assi naturali u kulturali u AP 11 – L-investiment f'Infrastruttura TEN-T. It-tieni Sejħa taħt OP I kienet miftuħa għal sottomissjonijiet taħt AP 2 -Il-konsolidazzjoni tal-investiment fi ħdan is-settur tal-ICT, AP 8 – L-investiment lejn soċjetà aktar soċjalment inklużiva u AP 9 – L-iżvilupp tal-futur tagħna permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja. Il-preavviż għal Sejħa 3 li tħabbar lejn l-aħħar tal-2015 qed jimmira għal proposti taħt AP 4 -Il-bidla lejn ekonomija b'livell

baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, AP 7 – Il-bidla lejn settur tat-trasport b'livell aktar baxx ta' emissjonijiet, AP 10 – L-investiment f'soċjetà aktar ekoloġika u AP 11 – L-investiment f'Infrastruttura TEN-T. Dan ifisser li mill-11-il Assi Prijoritarji taħt OP I (eskluża l-Assistenza Teknika), l-MA nediet jew ħabbret preavviż għal Sejħiet taħt 9 Assi Prijoritarji wara t-tnedija tal-Programm Operattiv I f'Marzu 2015. It-tnedija tas-Sejħiet il-ġodda involviet sforz konsiderevoli mill-MA meta wieħed iqis l-isforzi biex timmonitorja l-pagamenti u l-għeluq tal-proġetti taħt il-Programm 2007-2013, li kien għaddej fl-istess waqt fl-2015.

**Programm Operattiv II**

Bl-istess mod, bl-għan li jiġi aċċertat l-użu totali tal-fondi tal-Programm 2007-2013, fl-2015 inħarġet il-15-il sejħa għal proposti għall-proġetti. Wara li ġie kkunsidrat iż-żmien limitat, is-sejħa kienet iffukata fuq proġetti żgħar li l-baġit tagħhom jammonta għal inqas minn EUR 100,000. Permezz ta' din is-sejħa, il-Ministeri u l-Kunsill Malta għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) flimkien mal-organizzazzjonijiet Membri tiegħu kellhom l-opportunità li jissottomettu proposti għall-proġetti li jikkontribwixxu lejn l-oġġettivi tal-Programm, b'enfasi partikolari fuq l-għanijiet tal-Ass Prioritarju 4 – Insaħħu l-Kapaċità Istituzzjonali u Amministrattiva. Total ta' 38 proposta ġew sottomessi b'valur totali ta' EUR 2.3M. Sussegwentement, wara proċess ta' selezzjoni u negozjati, 25 proġett ġew magħżula u ngħataw total ta' EUR 1.5M fi Ftehimiet ta' Għotja ffirmati.

Matul l-2015 kienu għadhom qed jiġu implimentati total ta' 70 proġett taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u Skema ta' Għajnuna waħda (iffukata fuq Assistenza lejn is-settur privat fit-taħriġ tal-impjegati), bl-attivatijiet tagħhom jingħalqu sa tmiem l-aħħar tas-sena. It-Tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa lejn l-Assi Prijoritarji 1, 2, 3 u 4.

| | AP 1 | AP 2 | AP 3 | AP 4 |
|---|---|---|---|---|
| F'fażi ta' Implimentazzjoni | 10 proġetti | 5 proġetti u<br>1 Skema ta' Għajnuna | 9 proġetti | 46 proġett |
| Proġetti li ngħalqu fl-2015 | 10 proġetti | 5 proġetti u<br>1 Skema ta' Għajnuna | 9 proġetti | 46 proġett |

Il-valur globali ta' proġetti li kienu għadhom għaddejjin bl-implimentazzjoni fl-2015 kien jammonta għal madwar EUR 81.8M li jirriflettu 75% tal-allokazzjoni tal-programm.

**Il-Perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għall-FSE**

B'konformità mal-obbligazzjonijiet regolatorji, fl-2015, Malta waqqfet il-Kumitat ta' Monitoraġġ, li r-rwol tiegħu huwa li jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-programm. Fl-ewwel laqgħa, il-Kumitat ta' Monitoraġġ approva l-kriterji tal-eliġibbiltà u s-selezzjoni għas-Selezzjoni tal-Operazzjonijiet taħt il-Programm 2014-2020. Dan witta t-triq għat-tnedija tal-preavviżi li ġew ippubblikati fuq il-gazzetti kollha. Dawn ikopru AP 1 – 'Investiment fl-impjegabbiltà u l-adattabilità tar-riżors uman'; (Preavviż Sejħa 1), AP 2 – 'Lejn soċjetà aktar inklużiva' (Preavviż Sejħa 2); u AP 3 – 'Investiment fin-nies permezz tal-Edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja' (Preavviż Sejħiet 1, 2 u 3), AP 4 – 'Nibnu l-Kapaċità Amministrattiva Istituzzjonali' (Preavviż Sejħa 3). Sussegwentament, Sejħiet għal Proposti 1 u 2 ġew ippubblikati fl-2015, b'dik tal-ewwel, b'data ta' skadenza għas-sottomissjonijiet tal-proġetti, filwaqt li dik tal-aħħar tagħlaq fit-tieni kwart tal-2016.

Minbarra dan, l-MA kompliet tħares lejn miżuri ta' simplifikazzjoni bħala parti mill-ambizzjoni tal-Gvern għal aktar simplifikazzjoni tal-prattiċi attwali. Matul it-tieni nofs tal-2015, l-MA kienet f'diskussjoni mal-Kummissjoni biex tiżviluppa att delegat taħt waħda mill-Iskemi ta' Għajnuna (Aċċess għall-Impjiegi), (A2E). L-MA ppreżentat applikazzjoni għal Att Delegat lill-Kumissjoni li jikkonsisti f'rata standard ta' sussidju ta' EUR 85/EUR 125 fil-ġimgħa għal reklutat ġdid (għal impjiegi *full-time*) għal numru massimu ta' ġimgħat li jiddependi fuq l-istat tal-persuna li qed tiġi assistita mill-programm. L-adozzjoni tal-Att Delegat mill-Kummisjoni Ewropea jagħti lil Malta assikurazzjoni legali fuq il-metodu adottat biex jiġu stabbiliti dawn ir-rati kif ukoll għajnuna ta'

simplifikazzjoni u faċilità fl-implimentazzjoni billi jnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-korpi involuti fl-implimentazzjoni.

Barra minn hekk, fil-2015 il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) ġiet appuntata bħala l-korp intermedjarju għall-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Għajnuna. Din l-iskema tipprovdi għajnuna fl-impjiegi lil intrapriżi f'Malta u Għawdex biex jippromwovu r-reklutaġġ ta' persuni inattivi jew dawk il-persuni li l-aktar isibuha diffiċli li jsibu xogħol.

**Perjodu ta' Programmazzjoni 2014-2020 għall-FEAD**

Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) 2014-2020 inħoloq biex jieħu post il-Programm ta' Distribuzzjoni tal-Ikel għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn tal-Komunità 2005 – 2013. Bħal fil-programm ta' qabel, FEAD se jiffoka esklussivament fuq id-deprivazzjoni tal-ikel u se jolqot lill-familji l-iktar fil-bżonn, b'mod speċjali lil dawk li għandhom it-tfal jew huma anzjani.

Matul 2015, il-PPCD kkoordinat mal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (MFSS), bħala l-Korp Intermedjarju għall-Programm, biex tassigura distribuzzjoni fil-ħin tal-pakketti tal-ikel. F'Diċembru 2015, l-MFSS wettqet it-tħejjijiet meħtieġa, inkluż l-iġġenerar tal-lista ta' benefiċjarji eliġibbli u ċ-ċirkolazzjoni ta' ittri lill-familji sabiex id-distribuzzjoni setgħet isseħħ matul l-ewwel ġimgħat ta' Jannar 2016.

**Verifikar**

Bħala parti mir-rwol tal-Awditur tal-Programm, l-Internal Audit and Investigations Department (IAID) għamlet rieżaminazzjoni fuq 30 proġett tal-Fond Soċjali Ewropew, 29 proġett tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u 2 proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fis-sena taħt skrutinju.

L-MA kkoordinat mil-qrib mal-Awtorità tal-Awditjar fir-rigward ta' rieżaminazzjonijiet fuq operazzjonijiet sabiex tiżgura li kien hemm rIspons fil-ħin mill-benefiċjarju fuq kwalunkwe kwistjonijiet pendenti. Minbarra l-awditjar mill-Awtorità tal-Awditjar, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) wettqet erba' (4) rieżaminazzjonijiet fir-rigward tal-Proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (FK). F'dan il-kuntest, ir-rwol tal-MA kien li tikkoordina x-xogħol ta' qabel l-awditjar kif ukoll il-ġbir tad-dokumentazzjoni u d-*data* mitluba li kienet sottomessa lill-ECA sal-iskadenza stabbilita. L-MA kompliet toffri l-assistenza tagħha waqt il-missjoni mwettqa mill-ECA f'Malta f'Marzu 2015. Wara li rċeviet l-abbozz tar-rapport tal-awditjar mill ECA, l-MA kkoordinat għal darb'oħra t-tfassil u s-sottomissjoni tat-tweġibiet mill-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll it-tweġibiet sussegwenti tal-Kummissjoni Ewropea fuq ir-rapport finali tal-awditjar kif imfassal mill-ECA.

**Komunikazzjoni**

Bħala avveniment annwali għas-sena 2015, l-MA pproduċiet dokumentarju ta' kuljum ta' ħames minuti imsejjaħ TEBQA, li kien juri numru ta' proġetti implimentati taħt il-Programmi Operattivi tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 u li għaldaqstant ikopri it-tliet fondi kollha kemm huma: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). Dan kien jixxandar matul il-ġimgħa (qabel l-aħbarijiet ta' filgħaxija) kif ukoll fuq TVM2.

Dawn il-filmati qosra saru biex ikunu:

- Informattivi: 55 proġett differenti finanzjati mill-fondi tal-UE kienu ppreżentati u konsegwentament l-udjenza kienet infurmata dwar il-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-proġetti lejn is-settur privat u s-soċjetà b'mod ġenerali. It-trama wriet id-diversi stadji ta' implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll ipprovdiet analiżi fil-fond tat-temi relatati, bħall-edukazzjoni, ir-riċerka, l-ambjent u l-kapital uman;
- Vidjografiċi: Filmati fuq is-sit tal-proġetti b'fondi tal-UE xxandru, u dawn inkludew testimonjanzi mill-Benefiċjarji.

**Bażi ta' *Data* għall-Fondi Strutturali (SFD)**

Is-sena 2015 kienet ta' importanza kbira għaliex kienet is-sena tal-għeluq tal-programm 2007-2013, kif ukoll il-perjodu li matulu l-programm 2014-2020 tnieda formalment. Konsegwentament l-isforzi tal-ICT fir-rigward ta' dak tal-ewwel kienu prinċiparjament iffukati sabiex jiġu riżolti l-problemi *ad hoc* aktar milli l-iżviluppar ta' riinforzi ta' tali sistema.

Rigward is-sistema li permezz tagħha ġie mmaniġġjat il-Programm 2007-2013, l-unità tal-ICT fi ħdan l-MA pprovdiet għajnuna effettiva fuq bażi ta' kuljum, billi solviet kwistjonijiet imqajma mill-bosta benefiċjarji, jew b'mod dirett (b'rakkomandazzjoni ta' kif wieħed għandu jkompli bl-implimentazzjoni) jew b'mod indirett (permezz tal-MITA billi ressqu d-diffikultajiet, isegwu aġġornamenti fis-sistema u jagħmlu t-testijiet meħtieġa).

Iċ-Ċentru għall-Iżvilupp, ir-Riċerka u t-Taħriġ (CDRT), tul l-ewwel nofs tal-2015, ipprovda taħriġ fuq bażi regolari (ta' kull xahar) lill-utenti kollha tal-SFD. Lejn tmiem is-sena, ġie pprovdut taħriġ addizzjonali *ad hoc* lil benefiċjarji ġodda ta' proġetti żgħar tal-FSE. F'kull każ, it-taħriġ iffoka fuq il-proċessi kollha tal-pagament (mil-livell ta' proġett sal-livell ta' fattura), rappurtar, dikjarazzjoni tan-nefqa u l-Anness XXIII.

Ta' min jinnota li, sa tmiem l-2015, kien hemm 857 utent attiv tas-sistema 2007-2013.

Fil-każ tas-sistema 2014-2020, komplew isiru laqgħat bejn il-partijiet interessati sabiex jiddiskutu aspetti varji. Il-laqgħat ipprovdew għarfien lill-iżviluppatur (MITA) fuq ir-rekwiżiti tas-sistema, u għenu l-iżvilupp ta' diversi moduli. L-aspetti operattivi u funzjonali ta' kull modulu żviluppat kienu sussegwentament ittestjati mill-Awtorità ta' Ġestjoni u kwalunkwe kwistjoni identifikata kienet rattifikata kif xieraq. Dawn l-iżviluppi kollha twettqu b'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-UE 1301/12013.

Tfasslu wkoll diskussjonjiet u pjanijiet sabiex jiġu ddeterminati l-bosta gruppi ta' *data* u r-rwoli ta' funzjonalità, bażikament sabiex jiddeterminaw it-tipi ta' aċċess li se jingħataw lid-diversi utenti fil-livelli kollha: partijiet interessati fuq livell orizzontali (l-Awtorità ta' Ġestjoni, id-Dipartiment tat-Teżor, l-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni u l-Awtorita tal-Awditjar), il-persuni inkarigati min-naħa tal-Ministeri (LM) u l-Benefiċjarji. Sa tmiem l-2015 għadd minn dawn il-gruppi ta' *data*/rwoli funzjonali ġew żviluppati u implimentati.

Saru laqgħat inizjali ma' Korpi Intermedjarji (IB's) sabiex jiġu diskussi operazzjonijiet relatati sabiex jivverifikaw jekk il-Moduli ta' Patt u dawk ta' Operazzjoni (li kienu qed jiġu żviluppati) kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti, b'mod partikolari b'rabta mat-tnedija tal-iskemi.

Saru laqgħat oħra mal-MITA u t-Teżor li ffukaw fuq l-iżvilupp tal-Modulu tat-Teżor fuq is-sistema ta' pagamenti. Komplew diskussjonijiet fit-tul, mal-MITA u t-Teżor dwar l-iżvilupp ta' Modulu tat-Teżor (dwar l-Eżekuzzjoni tal-Pagamenti).

*Screens* ta' Manutenzjoni imtlew b'*data* rilevanti u dan ippermetta lis-sistema tmur live. Fir-rigward tal-Programmi Operattivi I u II (OP I u OP II) dan ix-xogħol sar sal-livell ta' programm. Rigward il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) u l-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) dan l-eżerċizzju kien magħmul fuq kull livell, sa dak tat-talba tal-pagament, b'hekk jippermetti li s-sistema tkun lesta għall-proċessar ta' pagamenti waqt l-ewwel kwart tal-2016.

F'Mejju 2015, kisba importanti kienet l-iżvilupp u t-tnedija tal-ewwel applikazzjoni awtomatika (kemm għall-OP I u OP II). Din kienet l-ewwel darba li l-applikanti kienu mitluba li jimlew u jissottomettu applikazzjoni *online* peress li qabel kull applikazzjoni kienet trid timtela u tiġi sottomessa bl-idejn. L-ewwel sejħa għall-Applikazzjoni kienet żviluppata bħala waħda indipendenti u mmirata biex tkun integrata fis-sistema fi stadju sekondarju. It-tieni Sejħa għall-OP I tnediet

f'Novembru filwaqt li għal OP II f'Diċembru. It-tieni applikazzjoni kienet żviluppata bħala parti integrali mis-sistema.

Kien ipprovdut taħriġ relatat lill-applikanti potenzjali permezz tal-organizzazzjoni ta' Sessjonijiet ta' Informazzjoni. Għajnuna fuq il-post ġiet pprovduta kif u meta mitluba.

**Sit elettroniku**

Matul is-sena, is-Sit tal-PPCD, li jifforma parti mill-portal www.eufunds.gov.mt, kien qed jiġi kontinwament aġġornat. F'Marzu, ġiet miżjuda sezzjoni dwar il-perjodu ġdid ta' programmazzjoni. Fl-istess xahar, kien hemm ukoll tibdil ieħor biex tiġi riflessa t-tnedija tal-Programmi Operattivi ġodda.

Matul l-2015, wara diskussjonijiet fuq l-għażliet eżistenti, ittieħdet deċiżjoni biex jiġi żviluppat sit ġdid dwar il-proġetti biex b'hekk jieħu post il-pjattaforma preżenti. Dan is-sit se jiġi żviluppat fuq l-ambjent Sharepoint li hu mifrux mal-Gvern kollu u pprovdut mill-MITA. Dan is-Sit huwa maħsub li jiġbor fih informazzjoni fuq il-proġetti kollha approvati u ffinalizzati u se jinkludi wkoll materjal viżiv/awdjo-viżiv u referenza għall-*media* tal-benefiċjarji. Dan l-iżvilupp se jkun qed isir fl-2016.

**Taħriġ**

It-Taħriġ baqa' jiġi pprovdut fuq bażi regolari. Fl-2015, l-uffiċjali ġodda li ngħaqdu mad-diviżjoni ngħataw taħriġ dettaljat tal-induzzjoni. Dan sar sabiex jiġi assigurat li l-uffiċjali l-ġodda jkollhom fehim ċar tar-rwol tagħhom fil-PPCD, kif ukoll ir-rwol tal-PPCD fil-ġestjoni tal-fondi tal-EU f'Malta. It-taħriġ mogħti kien ukoll marbut mal-implimentazzjoni tal-programmi u mal-proġetti li huma ffinanzjati taħt iż-żewġ programmi operattivi. It-taħriġ kien jiġbor fih suġġetti bħal taħriġ tal-SFD, informazzjoni bażika fuq il-ġestjoni tal-OP, informazzjoni bażika fuq il-kontroll finanzjajru u l-ġestjoni tal-programm.

L-MA organizzat ukoll Seminar importanti dwar l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. F'dan is-Seminar, rappreżentanti mill-Kummissjoni qasmu l-esperjenza u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom mill-perjodu ta' programazzjoni 2000-2006. Huma pprovdew spjegazzjoni fuq l-iskadenzi tal-għeluq, preparazzjoni ta' pakkett ta' dokumenti u kalkoli għall-għeluq, kif ukoll fuq irregolaritajiet u flessibbiltà. Suġġetti oħra ta' diskussjoni kienu dwar ir-regoli speċifiċi għall-Inġinerija Finanzjarja, Għajnuna mill-Istat u Awditjar u Kontroll Finanzjarju (irregolaritajiet, diżimpenni, operazzjonijet sospiżi dovuti minn proċeduri legali jew amministrattivi, flessibbiltà ta' 10%).

Barra minn hekk, sessjoni ta' taħriġ fuq sejbiet innotati mill-Awtorità tal-Awditjar waqt l-2014 ġiet mogħtija lill-uffiċjali li jaħdmu fi ħdan l-MA, partijiet interessati oħra li huma involuti fil-proċess tal-fondi tal-EU (eż. Teżor u l-Awtorità għaċ-Ċertifikazzjoni) kif ukoll il-Benefiċjarji kollha sabiex jiġu mnaqsa l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa wara Awditjar fuq l-Operazzjonijiet u nuqqasijiet innutati waqt l-istadji varji ta' kuntratt.

**Evalwazzjoni**

L-Awtorità ta' Ġestjoni kompliet taħdem fuq l-evalwazzjonijiet tematiċi għall-OP I u II. Fl-2015, iż-żewġ rapporti kienu sottomessi lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Evalwazzjoni u l-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Programmi rispettivi u ġew approvati. Għalkemm l-evalwazzjoni tematika relatata mal-OP I ġiet iffinalizzata, ir-rapport finali tal-evalwazzjoni tematika tal-OP I se jiġi ppreżentat matul l-2016.

Barra minn hekk l-Awtorità ta' Ġestjoni ppreżentat l-*Istrateġija ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni għall-FEŻR u FK 2014-2020* lill-Kumitat ta' Monitoraġġ (MC) b'konformità mal-obbligazzjonijiet regolatorji. Dan jinvolvi koordinazzjoni kontinwa mal-Kummissjoni li kienet ikkonsultata bil-quddiem dwar il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' pjan lil MC.

Xogħol fuq l-*Istrateġija ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni għall-FSE 2014-2020* kien għaddej kontinwament fl-2015 u l-abbozz ta' pjan huwa mistenni li jiġi ppreżentat lill-MC tal-FSE fl-ewwel kwart tal-2016.

L-MA pparteċipat ukoll f'numru ta' evalwazzjonijiet esterni li kienu kkummissjonati minn Istituzzjonijiet varji Ewropej.